MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 178/2010

Kawza fil-lista: 35

**B T**
**vs**
**Z T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-10 ta' Awissu 2007; li l kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, u li l-kunsens inghata bl-esklusjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dan fit-termini tal-ewwel parti paragrafu [d], u fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed jitlob li dan iz-zwieg jigi ddikjarat, minn din il-

Qorti, null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi; tordna li din id-dikjarazzjoni ta' nullita' tkun reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv; bl-ispejjeż;

Rat li l-konvenuta qed tikkontesta r-responsabilita' tan-nullita' ;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-liġi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Awissu 2007 fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semgħet liż-żewġ partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirriżulta li l-konvenuta, li hija minn Belarus, iltaqgħet mall-attur waqt li kienet fuq vakanza Malta; l-partijiet kienu ilhom joħorġu flimkien ċirca tlett xhur meta l-konvenuta irrejalizzat li nqabdet tqila ; xagħrejn wara, ddeċiedew li jiżżewġu ; It-tarbija twieldet fil-8 ta' Novembru 2007 jiġifieri tlett xhur wara iż-żwieġ.

*Verżjoni Attur*
Skont l-attur id-deċiżjoni li jiżżewwġu ittieħdet unikament peress li t-terminu tal-visa tal-konvenuta kien ser tiskadi; wkoll l-partijiet ma setgħux iħallsu l-ispejjeż tat-twelid tat-tarbija li, peress li l-konvenuta kienet barranija, kienu ser jitelgħu mhux ħażin.

L-attur jgħid li l-inkwiet beda jfeġġ fil-bidunett taż-żwieġ b'argumenti spissi u fuq kollox għax ma kienux jaqblu fuq ħafna aspetti; kienu inkompatibbli, u 4 xhur wara ż-żwieġ iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bonarja..

*Verżjoni konvenuta*

Ma kien hemm l-ebda relazzjoni waqt il-konvivenza matrimonjali li damet biss 7 xhur, peress li l-attur ma riedx jiehu ir-responsabilita ta' ragel mizewweg, ma kienx jaghtiha flus, ma kienx jittrattha bhala mara, sahansitra kien hemm drabi meta raqad fi kmamar ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f'dan il-kaz il-qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il- *caput nullitatis* kontemplat fil-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta li z-zewg partijiet kienu nkapaci li jaqdu obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

Illi dan kien zwieg ta' konvenienza, u xejn aktar, intiz biex il-konvenuta testendi l-visa u tiffranka l-ispejjez medici billi kienet ser twelled Malta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba tal-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-10 ta' Awissu 2007.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------